# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru 172/2016**

**Emanuel Fenech**
**(I.D. Numru 383357 M)**

**vs.**

**Emanuel Calleja**
**(I.D. Numru 889045 M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Frar, 2016, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha datat ukoll it-8 ta' Frar, 2016, (ara foll 1 u 8), li permezz tieghu, wara li laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti:

2.1. Ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lill-kontroparti;

2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fid-data u fil-hin hemm indikati; u

2.3. Ordnat ukoll li l-Kooperattiva Produttivi tal-Halib u d-Direttur tal-Agrikoltura jkunu wkoll notifikati;

3. Rat in-notifika tal-partijiet indikati, (ara foll 5, 7 u 12);

4. Tirrileva li r-rikorrenti kien prezenti ghall-udjenza prefissata u kien ukoll debitament assisstit;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

6.1. Illi ghandu interess jittutela d-drittijiet tieghu;

6.2. Illi ghalhekk jinhtieg li jzomm lill-intimat milli jassenja, jbiegh, jew jittrasferixxi l-kwota ta' 64.3 gallun halib lilhu mikrija mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7. Illi r-rikorrenti hu rahhal:

8. Illi ghandu *"kwota"* personali ta' 198.6 gallun halib;

9. Illi dahal fi ftehim ma diversi rahhala ohra biex jittrasferixxi f'isimhom parti mill-kwota tieghu versu korrispettiv finanzjarju mensili, bil-kundizzjoni li l-kwota hekk trasferita terga ddur fuqu meta jkun irid ir-rikorrenti;

10. Illi fost dawn ir-rahhala hemm l-intimat li lilhu r-rikorrenti ttrasferielu l-64.3 gallun halib fuq indikat;

11. Illi l-ftehim hekk pattwit thaddem ghal xi zmien izda sussegwentement l-intimat beda minflok isosstni li kien xtara l-kwota in dizamina;

12. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti kien kostrett jintavola procedura appozita;

13. Illi l-intimat jirrizulta li kien fi trattattivi li jittrasferixxi l-kwota lilhu mikrija lil terzi;

14. Illi kemm il-darba l-intimat jithalla jaghmel dan, ir-rikorrenti jkun pregudikat irrimedjabilment;

15. Illi kien ghalhekk li kien kostrett jintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

16. Illi fis-smiegh rizervat ghall-kontendenti l-istess abbli rapprezentanti legali tal-intimat jirrizulta li kien debitament awtorizzat essenzjalment jikkonferma l-fatti fuq sintetikament elenkati, (ara foll 13);

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

17.1. Filwaqt li tilqa` t-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur;

17.2. Tirriafferma d-digriet provizorju precedenti taghha datat it-8 ta’ Frar, 2016, u in vista tal-istess, tvarjah ukoll fis-sens li issa tiddikjara l-istess digriet favur ir-rikorrenti b’mod li issa jkun permanenti;

17.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**